# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Ġunju, 2024**

**Rikors Nru. 955/2023**
**fl-atti tal-mandat ta'**
**sekwestru eżekuttiv numru 1043/2023 milqugħ**
**fl-24 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet:**

**Enmao Chen**
**debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali**
**tiegħu l-avv. Dr Sarah Sultana**
**v.**
**TSG Interactive Gaming Europe Ltd.**

1. Il-kumpannija TSG Interactive Gaming Europe Ltd ("TSG") ressqet rikors li fih talbet lil din il-qorti:

(i) Tordna, sakemm jiġi deċiż dan ir-rikors u b'mod proviżorju, li l-effetti tal-mandat eżekuttiv bin-numru 1043/2023 fl-ismijiet premessi jiġu limitati b'mod li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli minn Enmao Chao ("Chao"), u dan b'notifika u/jew komunika urġenti lir-Reġistratur;

(ii) Skont l-art. 44(1)(ċ) tar-Regolament 1215/2012 tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-imsemmi mandat eżekuttiv billi tordna lis-sekwestratarji jirrilaxxaw il-kontijiet ta' TSG; u

(iii) B'mod alternattiv, u mingħajr preġudizzju għat-tieni talba, tordna li jiġi limitat l-effett tal-imsemmi mandat eżekutiv għal wieħed kawtelatorju skond l-art. 44(1)(a) tar-Regolament 1215/2012, b'dan li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli minn Chao.

Bl-ispejjeż u b'riżerva għal kwalunkwe dritt t'azzjoni spettanti lill-esponenti, inkluż taħt l-art. 279 tal-Kap. 12.

2. L-ewwel talba intlaqgħet b'digriet tal-1 ta' Settembru 2023.

3. L-avukat Sultana *noe* ressqet risposta li fiha qalet, *inter alia*, li m'għandhiex oġġezzjoni li l-effetti tal-mandat eżekuttiv 1043/2023 fl-ismijiet premessi jiġu sospiżi sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri bin-numru 956/2023 HM fl-ismijiet *TSG Interactive Gaming Europe Limited v Enmao Chao debitaement rappreżentat mill-av. Sarah Sultana*, jew sakemm ikun hemm ftehim mod ieħor bejn il-partijiet. B'danakollu oġġezzjonat li tali sospensjoni tingħata effett bil-mezz mitlub minn TSG (ċioè billi tordna lis-sekwestratarji jirrilaxxaw il-kontijiet ta' TSG). Il-pożizzjoni tagħha hi li l-mandat għandu jibqa' wieħed eżekuttiv, imma Chao ma jkunx jista' fil-frattemp jiżbanka kwalsiasi flus li hemm depożitati u li jistgħu jiġu depożitati fir-reġistru in konsegwenza tal-mandat. Tkompli tgħid li lanqas TSG ma tkun tista' tiżbanka.

4. Meta l-partijiet dehru fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2024, huma qablu li r-rikors jista' jiġu deċiż anki kameralment u li d-deċiżjoni kellha, fis-sustanza, tirrifletti digrieti li ġja ngħataw fi proċeduri simili (ara, per eżempju Rik. 915/2023 deċiż fis-26 ta' Marzu 2023).

5. Il-qorti tqis li fin-nuqqas ta' oppożizzjoni għat-talba għas-sospensjoni tal-mandat eżekuttiv fit-tieni talba, ma hemmx raġuni għaliex m'għandhiex tilqagħha. Fir-rigward tat-talba biex il-qorti tordna li jiġu rilaxxati l-kontijiet ta' TSG il-qorti, wara li rat id-deċiżjonijiet ta' din il-qorti presjeduta minn imħallfin oħra, hi tal-fehma li l-art. 44 tar-Regolament 1215/2012 ma jatgħtihiex is-setgħa li tqisha; għalhekk, u anki għaliex jeżisti

rimedju ieħor f'każ li dak allegat minn TSG hu minnu, sejra tiċħadha. It-tielet talba, in kwantu mressqa fl-alternattiv, m'għandhiex bżonn titqies.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda

(i) soġġett għal dak li jingħad f'(ii), tilqa' t-tieni talba ta' TSG u għalhekk qiegħda, skont l-art. 44(1)(ċ) tar-Regolament 1215/2012, tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1043/2023 fl-ismijiet premessi li jfisser li ma jista' jsir ebda żbank jew ġbid ta' flejjes depożitati jew li għad iridu jiġu depożitati mis-sekwestatarji, u dan sakemm tinqata' b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża bin-numru 956/2023 HM li hemm bejn il-partijiet; u

(ii) tiċħad it-tieni talba in kwantu intalbet ordni indirizzata lis-sekwestratarji biex jirrilaxxaw il-kontijiet ta' TSG;

(iii) tieqaf mill-tqis it-tielet talba;

(iv) tqis li, in kwantu laqa' l-ewwel talba proviżorjament, d-digriet tal-1 ta' Settembru 2023 bħala sorvolat b'din id-deċiżjoni.

Spejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza fil-kawża bin-numru 956/2023.

Mogħti kameralment.

Henri Mizzi
Imħallef